

Kawża C-375/07

Staatssecretaris van Financiën

vs

Heuschen & Schrouff Oriëntal Foods Trading BV

(talba għal deċiżjoni preliminari
mressqa mill-Hoge Raad der Nederlanden)

“Talba għal deċiżjoni preliminari — Validità ta’ regolament ta’ klassifikazzjoni — Interpretazzjoni tal-Anness tar-Regolament (KE) Nru 1196/97 — Artikoli 220 u 239 tal-Kodiċi Doganali — Artikoli 871 u 905 tar-Regolament (KEE) Nru 2454/93 — Folji mnixxfin magħmulin minn dqiq tar-ross, melħ u ilma — Klassifikazzjoni tariffarja — Irkupru a posteriori ta’ dazji fuq l-importazzjoni — Proċedura ta’ remissjoni — Żball tal-awtoritajiet doganali li seta’ jiġi individwat — Traskuraġni manifesta tal-importatur”

Konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali V. Trstenjak, ippreżentati fl-4 ta’ Settembru 2008	I - 8694
Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tieni Awla) tal-20 ta’ Novembru 2008 . . .	I - 8716

Sommarju tas-sentenza

1. *Tariffa Doganali Komuni — Intestaturi tariffarji — Folji mnixxfin magħmulin minn dqiq tar-ross, melħ u ilma*
(Regolament tal-Kunsill Nru 2658/87, Anness I; Regolamenti tal-Kummissjoni Nru 1196/97 u Nru 1624/97)

2. *Riżorsi proprii tal-Komunitajiet Ewropej — Ħlas lura jew remisjoni tad-dazji fuq l-importazzjoni*
(Il-ħames paragrafu tal-Artikolu 230 KE, Artikoli 234 KE u 249 KE; Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill Nru 82/97; Regolament tal-Kunsill Nru 2913/92, Artikoli 220 u 239)

1. Il-folji magħmulu minn dqiq tar-ross, melħ u ilma, li huma mnixxfin, iżda li ma jiġux sottostopi għal trattament termiku, jaqgħu taħt is-Subintestatura 1905 90 20 tan-Nomenklatura Magħquda li tinsab fl-Anness I tar-Regolament Nru 2658/87, dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni ta' Dwana, fil-verżjoni li tirriżulta mir-Regolament Nru 1624/97.

jonali dwar is-sistema armonizzata għad-deskrizzjoni u l-kodifikazzjoni ta' Merkanzija, il-fatt li tkun imsajra mhuwiex karatteristika neċċessarja għall-klassifikazzjoni ta' merkanzija fis-Subintestatura 1905 90 20.

Barra minn hekk, minn dawn il-fatturi kollha jirriżulta li l-validità tar-Regolament Nru 1196/97, li jikkonċerna l-klassifikazzjoni ta' ġerta merkanzija fin-Nomenklatura Magħquda, mhijex affettwata.

F'dan ir-rigward, minn naħħa, ir-referenza għall-karta tar-ross (“rice paper”) jew għal prodotti “mnixxfin” tinsab espressament fil-kliem ta’ diversi verżjonijiet lingwistiċi tas-Subintestatura 1905 90 20 tan-Nomenklatura Magħquda, filwaqt li l-Intestatura 1901 għandha natura sempliċiment residwali, billi tikkonċerna biss prodotti li mhumiex imsemmijin jew inklużi xi mkien ieħor fin-Nomenklatura Magħquda. Minnaħha l-oħra, hekk kif jirriżulta minn qari ta’ diversi verżjonijiet lingwistiċi tan-Nomenklatura Magħquda u fid-dawl tan-noti ta’ spjega tal-Kummissjoni li jirreferu għann-noti ta’ spjega tal-Konvenzjoni Internazz-

(ara l-punti 47-53 u d-dispożittivi 1, 2)

2. Meta Stat Membru jippreżenta lill-Kummissjoni talba għal remisjoni tad-dazji fuq l-importazzjoni fis-sens tal-Artikolu 239 tar-Regolament Nru 2913/92 li jwaqqaf il-Kodiċi Doganali tal-Komunità, kif emendat bir-Regolament Nru 82/97 u meta din tkun digħi adottat deċiżjoni li

tkun tinkludi evalwazzjonijiet legali jew fattwali f'każ partikolari ta' operazzjonijiet ta' importazzjoni, dawn l-evalwazzjonijiet jivvinkolaw lill-awtoritajiet kollha tal-Istat Membru destinatajru ta' din id-deċiżjoni, skont l-Artikolu 249 KE, inklużi l-qratie tiegħu li jkunu ntalbu jevalwaw dan l-istess każ fid-dawl tal-Artikolu 220 tal-imsemmi regolament.

Fil-fatt, ir-rekwiżiti marbutin mal-applikazzjoni uniformi tad-dritt Komunitarju, li sabiex din tiġi għarantita ngħatav setgħa deċiżjonali lill-Kummissjoni fir-rigward ta' rkupru *a posteriori* ta' dazji doganali jeżiġu li, għall-istess operazzjonijiet ta' importazzjoni ta' operatur, deċiżjoni tal-Kummissjoni li tiddikjara li kien hemm "traskuragi [manifesta]" ta' dan l-operatur ma tisfax fix-xejn minħabba deċiżjoni ulterjuri ta' qorti nazzjonali li tiddeċċiedi fuq in-"*natura individwabbi*", minn dan l-istess operatur, tal-iż-żball tal-awtoritajiet doganali nazzjonali. B'hekk, meta qorti nazzjonali li tkun qed teżamina rikors kontra l-avviż ta' rkupru tad-dazji fuq l-importazzjoni ssir

taf, fil-kuntest tal-proċedimenti mressqa quddiemha, bil-fatt li l-Kummissjoni tkun għiet adita b'każ skont l-Artikoli 220 u 239 tal-Kodiċi Doganali, hija għandha tevita li tieħu deċiżjonijiet li jmorru kontra deċiżjoni li l-Kummissjoni tkun biħsiebha tadotta biex tapplika dawn l-artikoli.

Jekk l-importatur ikun ippreżenta, fit-terminu previst mill-ħames paragrafu tal-Artikolu 230 KE, rikors għal annullament kontra d-deċiżjoni tal-Kummissjoni fuq it-talba għal remissjoni tad-dazji fuq l-importazzjoni fis-sens tal-Artikolu 239 tal-imsemmi regolament, hija l-qorti nazzjonali li għandha tiddeċċiedi jekk għandhiex jew tissospendi l-proċedimenti sakemm tingħata d-deċiżjoni definittiva fuq dan ir-rikors għal annullament, jew tagħmel hija stess talba għal deċiżjoni preliminari lill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej biex tiġi eżaminata l-validità.

(ara l-punti 62, 64-66, 68 u d-dispożittiv 3)